TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

12

Avviż Numru CCT 21/13-F

Charles Sammut
vs
ESCL Co. Ltd.

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€155), rappreżentanti depożitu fuq erba' settijiet ta' *televisions* illi ma ssewwewx.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu l-ħsara f'erba' settijiet tat-*televisions* u ħadhom sabiex jissewwew għand is-soċjeta' ntimata, illi talbitu depożitu *non-refundable* bħala *minimum charge* sabiex jaraw x'għandhom u jekk jistgħux jissewwew. Illi fil-fatt it-*televisions* ma ssewwewx u xorta żammew id-depożitu ta' mija u ħamsa u ħamsin ewro (€155). Illi r-rikorrenti ħadhom għand ħaddieħor u fil-fatt it-*televisions* ġew imsewwija u għalhekk qed jitlob id-depożitu lura.

L-intimat issottometta li l-*minimum charge* mhux rifondibbli għax il-kumpanija tkun investiet il-ħin u n-nies tagħha sabiex jiġbru, jiċċekjaw u jwasslu l-prodott lura, u f'dan il-każ hekk għamlu pero' t-*televisions* ma setgħux jissewwew.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi dawn it-*televisions* issewwew u allura qed jikkonsidra illi d-depożitu kien eċċessiv anke minħabba l-fatt illi t-*televisions* ma ssewwewx u għalhekk jista' jkun li kien hemm abbuż, illi allura ma jissewwewx u jieħdu ċ-*charge*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888